

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Settembru 1989

dwar kondizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju fi u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' embrijoni ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi ta' l-ifrat

(89/556/KEE)

(ĠU L 302, 19.10.1989, p. 1)

Emendata minn:

Ġurnal Uffiċjali

		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990	L 224	29	18.8.1990
► <u>M2</u>	Id-Direttiva tal-Kunsill 93/52/KEE ta' l-24 ta' Ġunju 1993	L 175	21	19.7.1993
► <u>M3</u>	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/113/KE tat-8 ta' Frar 1994	L 53	23	24.2.1994
► <u>M4</u>	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 806/2003 ta' l-14 ta' April 2003	L 122	1	16.5.2003
► <u>M5</u>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/60/KE tat-2 ta' Frar 2006	L 118M	118	8.5.2007
► <u>M6</u>	Direttiva tal-Kunsill 2008/73/KE tal-15 ta' Lulju 2008	L 219	40	14.8.2008



ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Settembru 1989

dwar kondizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju fi u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' embrijoni ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi ta' l-ifrat

(89/556/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 dwar dan,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-fehma tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-fehma tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi l-użu ta' embrijoni ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi ta' l-ifrat hija parti minn politika ta' tnissil effiċjenti li twassal għal produttività akbar u żieda fil-marġini f'dan is-settur; billi, magħduda ma' dan, il-moviment ħieles ta' embrijoni bħal dawn għandu jinkoraġġixxi kull żvilupp razzjonali billi jittieħed akkont ta' l-użu ta' l-aħjar fatturi tal-produzzjoni;

Billi d-disposizzjonijiet li jirrigwardaw il-problemi ta' saħħa ta' l-annimali fil-kummerċ intra-Komunitarju f'annimali ta' l-ifrat u qżieqeż jidhru fid-Direttiva 64/432/KEE ⁽⁴⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 89/360/KEE ⁽⁵⁾; billi b'żieda, Direttiva 72/462/KEE ⁽⁶⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 89/227/KEE ⁽⁷⁾ hemm fiha disposizzjonijiet li jirrigwardaw il-problemi ta' spezzjoni veterinarja ma' l-importazzjoni ta' annimali ta' l-ifrat u qżieqeż minn pajjiżi terzi;

Billi d-disposizzjonijiet imsemmija hawn fuq kienu assigurat, f'dak li għandu x'jaqsam ma' kummerċ intra-Komunitarju u importazzjonijiet fil-Komunità ta' annimali ta' l-ifrat u qżieqeż minn pajjiżi terzi, li l-pajjiż tal-provenjenza jiggarantixxi li l-kriterja ta' saħħa ta' l-annimal tkun għet eżawrita, hekk li r-riskju ta' tixrid ta' mard ta' l-annimali jkun għet virtwalment eliminat; billi hemm b'madanakollu ċertu riskju tat-tixrid ta' mard bħal dan il-mard fil-każ ta' kummerċ fl-embrijoni;

Billi fil-kuntest ta' l-istrateġija tal-politika tal-Komunità fuq l-armonizzar ta' disposizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju f'annimali u prodotti ta' l-annimali, issa huwa meħtieġ li tinholq kull sistema armonizzata għal kummerċ intra-Komunitarju u importazzjoni fil-Komunità ta' embrijoni ta' annimali bovini;

Billi, fil-kuntest ta' kummerċ intra-Komunitarju ta' embrijoni, l-Istati Membri fejn l-embrijoni jiġu miġbura għandhom ikunu taħt kull obbligazzjoni li jassiguraw li embrijoni bħal dawn ikunu ġew miġbura u pproċessati minn skwadri approvati ta' kolletturi ta' embrijoni taħt superviżjoni, li jkunu ġew miksuba minn annimali li l-istat tas-saħħa tagħhom ikun tali li jassigura li r-riskju tat-tixrid ta' mard ta' l-annimali jkun eliminat, jkunu ġew miġbura, ipproċessati, maħżuna u trasportati b'mod konformi mar-regoli li jippreservaw l-istat tas-saħħa tagħhom u li jkunu akkumpanjati matul it-trasport lejn il-pajjiż ta' destinazzjoni b'kull ċertifikat ta' saħħa ta' l-annimal sabiex tiġi assigurata li din l-obbligazzjoni tkun għet imwettqa;

Billi d-differenzi fil-politika mħaddna fil-Komunità f'dak li jirrigwarda l-vaċċinazzjoni kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer jiġġustifika ż-żamma, għal embrijoni friski, ta' derogi, limitati fiż-żmien, li jawto-

⁽¹⁾ ĠU Nru C 76, tat-28.3.1989, pġ. 1.

⁽²⁾ ĠU Nru C 120, tas-16.5.1989, pġ. 313.

⁽³⁾ ĠU Nru C 139, tal-5.6.1989, pġ. 56.

⁽⁴⁾ ĠU Nru 121, tad-29.7.1964, pġ. 1977/64.

⁽⁵⁾ ĠU Nru L 153, tas-6.6.1989, pġ. 29.

⁽⁶⁾ ĠU Nru L 302, tal-31.12.1972, pġ. 28.

⁽⁷⁾ ĠU Nru L 93, ta' 1-4.6.1989, pġ. 25.

▼B

rizzaw il-ħtieġa mill-Istati Membri, ta' protezzjoni addizzjonali kontra dak il-mard;

Billi kull lista ta' pajjiżi terzi għandha tkun imħejjija, li tiegħu akkont tal-kriterji ta' saħħa ta' l-annimali, li minnhom embrijoni jistgħu jkunu impurtati fil-Komunità; billi mingħajr preġudizzju għal lista bħal din l-Istati Membri m'għandhomx jawtorizzaw importazzjoni kemm-il darba l-embrijoni jkunu ġew miġbura, ipproċessati u maħżuna minn skwadri ta' kolleturi ta' embrijoni li jilhqqu ċertu *standards* u li jkollhom superviżjoni uffiċjali; billi, magħduda ma' dan, fir-rigward ta' pajjiżi f'dik il-lista, kondizzjonijiet speċifiċi ta' saħħa ta' l-annimali għandhom ikunu stabbiliti skond iċ-ċirkostanzi; billi verifiki fuq il-lok jistgħu jitwettqu sabiex jivverifikaw il-konformità ma' daww *l-standards*;

Billi sabiex ikun hemm prevenzjoni tat-trasmissjoni ta' ċertu mard kontaġġuż, kontrolli fuq l-importazzjoni għandhom jitwettqu meta kull konsenja ta' embrijoni tasal fit-territorju tal-Komunità, ħlief fil-każ ta' transitu estern;

Billi, fil-każ ta' transitu intern, il-miżuri meħuda mill-Istati Membri wara dawn il-kontrolli għandhom ikunu definiti;

Billi l-Kummissjoni għandha tkun f'data bit-teħid ta' ċerti miżuri għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva; billi għal dan l-għan, proċeduri għandhom ikunu stabbiliti għal koperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri;

Billi din id-Direttiva m'għandhiex taffetwa l-kummerċ ta' embrijoni qabel id-data li fiha l-Istati Membri għandhom ikunu konformi magħha.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

Disposizzjonijiet ġenerali*Artikolu 1*

1. Din id-Direttiva tiddefinixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju fi u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' embrijoni friski u ffriżati ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi ta' l-ifrat.

▼M2

2. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għall-embrijuni akkwistati bit-trasferiment ta' nuklei.

▼B*Artikolu 2*

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, id-definizzjonijiet li jinstabu fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 64/432/KEE u l-Artikolu 2 tad-Direttiva 72/462/KEE għandhom japplikaw kif meħtieġ.

Aktar minn hekk:

- (a) “embrijon” ifisser l-istadju inizjali ta' żvilupp ta' kull annimal domestiku ta' l-ispeċi ta' l-ifrat waqt li jkun kapaċi li jista' jkun trasferit lejn kull omm riċevitur;
- (b) “skwadra ta' ġbir ta' embrijoni” tfisser kull grupp uffiċjalment approvat ta' tekniċi jew struttura taħt is-superviżjoni ta' kull grupp ta' veterinarji kompetenti li jwettqu l-ġbir, l-ipproċessar u l-ħażna ta' embrijoni b'mod konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness A;

▼B

- (ċ) “veterinarju ta' l-iskwadra” jfisser il-veterinarju responsabbli għas-superviżjoni ta' kull skwadra ta' ġbir ta' embrijoni b'mod konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness A;
- (d) “konsenja ta' embrijoni” tfisser kull kwantità ta' embrijoni mneħħija f'operazzjoni waħda minn donatur wieħed u kopert b'ċertifikat wieħed;
- (e) “pajjiż tal-ġbir” ifisser l-Istat Membru jew pajjiż terz li fiha l-embrijoni huma prodotti, miġbura, ipproċessati u, fejn meħtieġ, maħżuna, u li minnfejn huma jintbagħtu lejn kull Stat Membru;
- (f) “laboratorju dijanjostiku approvat” tfisser kull laboratorju li jinstab fit-territorju ta' kull Stat Membru jew pajjiż terz approvat mill-awtorità veterinarja kompetenti biex iwettaq provi dijanjostiċi stabbiliti f'din id-Direttiva;

▼M2

- (g) “skwadra ta' produzzjoni ta' l-embrijuni” tfisser skwadra uffiċjalment approvata għall-ġbir ta' embrijuni għall-fertilizzazzjoni *in vitro* bi qbil mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness rilevanti.

▼B

KAPITOLU II

Regoli għal kummerċ intra-Komunitarju

Artikolu 3

Kull Stat Membru għandu jassigura li embrijoni ma jkunux miqiegħuta mit-territorju tiegħu lejn Stat Membru ieħor kemm-il darba dawn ikunu jilhqnu l-kondizzjonijiet segwenti:

▼M2

- (a) għandhom ikunu ġew ikkonċeputi bħala riżultat ta' l-inseminazzjoni artifiċjali jew il-fertilizzazzjoni *in vitro* b'semen minn donatur fertili maskili f'ċentru tal-ġbir tas-semen approvat mill-awtorità kompetenti għall-ġbir, l-ipproċessar u l-ħażna ta' semen jew b'semen importat bi qbil mad-Direttiva 88/407/KEE ⁽¹⁾.

▼B

- B'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18, il-Kummissjoni tista' tawtorizza kummerċ f'embrijoni ta' ċertu speċi speċifiċi kkonċeputi bħala kull riżultat ta' servizz naturali minn barrin li l-istatus ta' saħħa tagħhom ikun konformi ma' Anness B ta' dik id-Direttiva;
- (b) iridu jkunu ġew miġbura minn annimali domestiċi ta' l-ispeċi ta' l-ifrat li l-istat ta' saħħa tagħhom ikun konformi ma' l-Anness B ta' din id-Direttiva;
- (ċ) iridu jkunu ġew miġbura, ipproċessati u maħżuna minn kull skwadra ta' ġbir ta' embrijoni approvati b'mod konformi ma' l-Artikolu 5 (1);
- (d) iridu jkunu ġew miġbura, ipproċessati u maħżuna mill-skwadra ta' kolleturi ta' embrijoni b'mod konformi ma' l-Anness A ta' din id-Direttiva;
- (e) iridu jkunu akkompanjati, matul it-trasport lejn l-Istat Membru tad-destinazzjoni, b'kull ċertifikat ta' saħħa ta' l-annimali li jkun konformi ma' Artikolu 6 (1).

▼M2

⁽¹⁾ ĠU Nru L 194, tat-22.7.1998, pġ. 10. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 90/425/KEE (ĠU Nru L 224, tat-18.8.1990, pġ. 29).

▼B*Artikolu 5*

1. L-approvazzjoni ta' kull skwadra ta' ġbir ta' embrijoni kif hemm previst għaliha fl-Artikolu 3 (ċ) għandha tingħata biss meta d-disposizzjonijiet ta' Anness A, Kapitolu 1 ikunu osservati u meta l-grupp ta' skwadri ta' kolletturi ta' embrijoni jkun jista' jissodisfa d-disposizzjonijiet l-oħra ta' din id-Direttiva.

Kull kambju kbir fl-organizzazzjoni ta' l-iskwadra għandu jkun innotifikat lill-awtorità kompetenti.

L-approvazzjoni ta' l-iskwadra għandha tkun imġedda kull meta l-veterinarju tal-grupp ikun mibdul jew kull meta kull tibdil kbir iseħħ fl-organizzazzjoni tagħha jew fil-laboratorji jew tagħmir għad-disposizzjoni tagħha.

Il-veterinarju uffiċjali għandu jagħmel superviżjoni ta' osservanza tad-disposizzjonijiet stipulati hawn fuq. L-approvazzjoni għandha tkun irtirata meta waħda jew aktar mid-disposizzjonijiet ma jkunux aktar osservati.

▼M6

2. L-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru kkonċernat għandha tirreġistra l-iskwadri ta' ġbir ta' embrijuni u tagħti numru ta' reġistrazzjoni veterinarja lil kull skwadra.

Kull Stat Membru għandu jfassal u jżomm aġġornata l-lista ta' l-iskwadri ta' ġbir ta' embrijuni u n-numri tar-reġistrazzjoni veterinarja tagħhom u jagħmilha disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-pubbliku.

▼M1**▼B**

L-esperti veterinarji għandhom ikunu ċittadini ta' kull Stat Membru appart minn daww involuti fil-kwistjoni.

▼M2

2a. L-approvazzjoni ta' skwadra tal-produzzjoni ta' l-embrijuni għall-embrijuni akkwistati minn fertilizzazzjoni *in vitro* għandha tingħata biss meta d-disposizzjonijiet ta' l-Anness rilevanti ta' din id-Direttiva jkun osservat u meta l-iskwadra tal-produzzjoni ta' l-embrijuni tkun tista' tissodisfa d-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva u b'mod partikolari d-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, li għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

▼B

3. Regoli dettaljati għat-twettieq ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu adottati skond il-proċedura kif stabbilita fl-Artikolu 18.

Artikolu 6

1. Kull ċertifikat ta' saħħa ta' l-annimali mħejji minn kull veterinarju uffiċjali ta' l-Istat Membru tal-ġbir fuq kull formula li tkun konformi mal-mudell fl-Anness Ċ għandu jakkumpanja kull konsenja ta' embrijoni. Kull ċertifikat separat għandu jkun maħruġ għal kull konsenja.

2. Iċ-ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali għandu:

- (a) jikkonsisti f'kull formula waħda u mħejjija f'mill-anqas il-lingwa(i) uffiċjali ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni;
- (b) ikun magħmul għal kull riċevitur;
- (ċ) jakkumpanja l-konsenja ta' embrijoni lejn id-distinazzjoni fl-għamla oriġinali tiegħu.

▼B

KAPITOLU III

Regoli għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi

Artikolu 7

1. Embrijoni għandhom ikunu impurtati biss minn dawg il-pajjiżi terzi jew partijiet minnhom li jidhru fuq kull lista mħejjija b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18. Dik il-lista tista' tkun issupplimentata jew emendata skond l-istess proċedura.
2. Fid-deċiżjoni jekk kull pajjiż terz jew partijiet minnu jkunx jista' jidher fuq il-lista li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 1, akkont partikolari għandu jittieħed ta':
 - (a) l-istat tas-saħħa tal-bhejjem, annimali domestiċi oħra u annimali ferjali fil-pajjiż terz, b'referenza partikolari għal mard eżotiku ta' l-annimali, u s-sitwazzjoni fis-saħħa ambjentali f'dak il-pajjiż, li tista' tipperikola s-saħħa ta' l-annimali fl-Istati Membri;
 - (b) ir-regolarità u l-ħeffa ta' l-informazzjoni fornuta mill-pajjiż terz li tikkonċerna l-eżistenza tal-mard li jittieħed ta' l-annimali fit-territorju tiegħu, partikolarment dak il-mard imsemmi fil-lista A u B ta' l-Uffiċċju Internazzjonali ta' Mard Epiżootiku;
 - (c) ir-regoli ta' dak il-pajjiż terz dwar prevenzjoni u kontroll ta' mard ta' annimali;
 - (d) l-istruttura tas-servizzi veterinarji fil-pajjiż terz u l-poteri tagħhom;
 - (e) l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri li jipprojbixxu u jikkontrollaw mard kontaġġuż ta' l-annimali; u
 - (f) il-garanziji li l-pajjiż terz ikun jista' jagħti fir-rigward tal-konformità mar-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva.
3. Il-lista li għaliha hemm referenza dwarha fil-paragrafu 1 u l-emendi kollha għaliha għandhom ikunu ppublikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

▼M6

Artikolu 8

1. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw biss l-importazzjoni ta' l-embrijuni mibgħuta minn skwadra ta' kolletturi jew tal-produzzjoni ta' l-embrijuni f'wieheg mill-pajjiżi terzi li jidher fil-lista msemija fl-Artikolu 7 u li għaliha l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat tista' tiggarantixxi li ntlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) tissodisfa l-kondizzjonijiet:
 - (i) għall-approvazzjoni ta' l-iskwadri ta' ġbir ta' l-embrijuni u tal-produzzjoni ta' l-embrijuni stipulati fil-Kapitolu I ta' l-Anness A;
 - (ii) rigward il-ġbir, l-ipproċessar, il-ħażna u t-trasport ta' l-embrijuni minn dawn l-iskwadri stipulati fil-Kapitolu II ta' dak l-Anness;
 - (b) tkun għet uffiċjalment approvata mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz għall-esportazzjoni lejn il-Komunità;
 - (c) tkun soġġetta għal spezzjonijiet minn veterinarju uffiċjali tal-pajjiż terz mill-anqas darbtejn fis-sena.
 2. Il-lista ta' l-iskwadri ta' ġbir jew tal-produzzjoni ta' l-embrijuni li l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz li tidher fil-lista msemija fl-Artikolu 7 tkun approvat skond il-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u li minnhom l-embrijuni jistgħu jintbagħtu lejn il-Komunità għandha tkun ikkomunikata lill-Kummissjoni.
- L-approvazzjoni ta' skwadra ta' ġbir jew ta' produzzjoni ta' l-embrijuni għandha tiġi immedjatament sospiża jew irtirata mill-awtorità kompetenti

▼M6

tenti tal-pajjiż terz jekk ma tissodisfax aktar il-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 u l-Kummissjoni għandha tiġi infurmata immedjatament b'dan.

Il-Kummissjoni għandha ttiprovdi lill-Istati Membri bil-listi ġodda jew aġġornati kollha li hi tirċievi mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat skond dan il-paragrafu u għandha tqegħedhom għad-dispożizzjoni tal-pubbliku għal skopijiet ta' informazzjoni.

3. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni uniformi ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemija fl-Artikolu 18(2).

▼B*Artikolu 9*

1. L-importazzjoni ta' embrijoni mit-territorju ta' kull pajjiż terz jew parti minnu fil-lista mħejjija b'mod konformi ma' l-Artikolu 7 (1) għandu jseħħ biss jekk l-embrijoni:

- (a) ikunu ġejjin minn annimali donaturi li, immedjatament qabel il-ġbir ta' l-embrijoni tagħhom, ikunu baqgħu għal mill-anqas sitt xhur fit-territorju tal-pajjiż terz ikkonċernat, u f'massimu ta' żewġ merħliet li jkunu konformi mill-anqas mal-ħtiġiet stabbiliti fil-paragrafu 2;
- (b) ikunu konformi mal-ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali adottati b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18 għall-importazzjoni ta' embrijoni minn dak il-pajjiż.

Fl-adozzjoni tal-ħtiġiet li hemm referenza dwarhom fl-ewwel sub-paragrafu preċedenti, konsiderazzjoni għandha tingħata għal:

- (a) is-sitwazzjoni tas-saħħa fiż-żona ta' madwar il-post tal-ġbir ta' embrijoni, b'referenza partikolari għall-mard li jidher fil-lista A ta' l-Uffiċċju Internazzjonali ta' Mard Epiżootiku;
- (b) l-istat tas-saħħa tal-merħla kkonċernata fil-ġbir ta' l-embrijoni, inklużi l-ħtiġiet ta' provi;
- (ċ) l-istat ta' saħħa ta' l-annimal donatur u l-ħtiġiet ta' provi;
- (d) il-ħtiġiet ta' ġbir, ipproċessar u ħażna b'relazzjoni ma' embrijoni.

2. Il-bażi ta' referenza biex ikunu stabbiliti l-kondizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimal b'mod konformi ma' paragrafu 1 rigward tuberkolożi, bovina, *bruċellosi* bovina u lukożi bovina enżootika għandhom ikunu l-istandards stabbiliti fl-Annessi A u G ta' Direttiva 64/432/KEE. Skond il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 18 u fuq il-bażi ta' każ b'każ, derogazzjonijiet minn daww id-disposizzjonijiet jistgħu jkunu deċiżi meta pajjiż terz interessat jipprovdi garanziji bħal dawn u mill-anqas ekwivalenti mar-referenza tas-saħħa ta' l-annimali.

▼M2

3. Meta jkunu stabbiliti d-disposizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jikkonċernaw il-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer bi qbil mal-paragrafu 1, irid jittieħed rendikont ta':

- biss l-embrijuni ffriżati għandhom jiġu importati minn pajjiżi terzi meta t-tilqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ikun ipprattikat. L-embrijuni għandhom ikunu maħżuna permezz tal-kondizzjonijiet approvati għal minimu ta' 30 jum qabel il-kunsenja,
- l-annimali donaturi għandhom jiġu minn qasam li fih l-ebda annimal ma jkun ġie mlaqqam kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer matul l-aħħar 30 jum qabel il-ġbir, u li ma jkunx suġġett għall-miżuri ta' projbizzjoni jew ta' kwarantana.

▼B*Artikolu 10*

1. L-importazzjoni ta' embrijoni tista' tiġi awtorizzata biss fuq kull preżentazzjoni ta' ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimal imħejji u ffirmat mill-veterinarju uffiċjali tal-pajjiż terz tal-ġbir.

Dan iċ-ċertifikat għandu:

- (a) ikun imħejji f'mill-anqas il-lingwa jew il-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni u l-lingwa jew lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru fejn il-kontroll ta' l-importazzjoni kif previst għalih fl-Artikolu 11 ikun imwettaq;
- (b) ikun magħmul għal riċevitur wieħed;
- (ċ) jakkumpanja l-embrijoni fl-oriġinal.

2. Iċ-ċertifikat ta' saħħa ta' l-annimal għandu jkun fuq formula li tikkorrispondi mal-mudell imħejji skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18.

▼M6*Artikolu 11*

Ir-regoli stabbiliti fid-Direttiva 97/78/KE għandhom japplikaw, b'mod partikolari għall-organizzazzjoni u l-verifiki sussegwenti li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri u l-miżuri ta' salvagwardja li għandhom ikunu applikati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 22 ta' dik id-Direttiva.

▼B

KAPITOLU IV

Regoli dwar miżuri ta' ħarsien u kontroll**▼M1***Artikolu 14*

Ir-regoli stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 li tikkonċerna l-iċċekkjar veterinarji u zootekniki fil-kummerċ intra-Komunitarju f'ċertu annimali haġġin u prodotti b'kull ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ⁽¹⁾, għandhom jgħoddu b'mod partikolari għall-iċċekkjar, fl-oriġini, għall-organizzazzjoni ta', u prosegwiment għall-iċċekkjar li għandu jsir mill-pajjiż tad-destinazzjoni, u għall-miżuri ta' ħarsien li għandhom ikunu implimentati.

▼B*Artikolu 15*

1. Esperti veterinarji mill-Kummissjoni jistgħu, b'koperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi, iwettqu verifiki fuq il-lok sa kemm dawn ikunu indispensabbli biex jiżguraw applikazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva.

Il-pajjiż tal-ġbir li fit-territorju tiegħu kull verifika tkun imwettqa għandu jagħti kull għajjnuna meħtieġa lill-esperti biex iwettqu d-doveri tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-pajjiż tal-ġbir ikkonċernat bir-riżultati ta' l-investigazzjoni.

Il-pajjiż tal-ġbir ikkonċernat għandu jieħu kull miżura li tista' tkun meħtieġa biex jieħu akkont tar-riżultati ta' l-investigazzjoni. Jekk il-pajjiż tal-ġbir ma jieħux daww il-miżuri, il-Kummissjoni tista', wara li s-sitwazzjoni tkun ġiet eżaminata mill-Kumitat Veterinarju Imwaqqaf, tawtorizza Stati Membri li jirrifjutaw id-dħul fit-territorju tagħhom ta'

⁽¹⁾ ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 29.

▼B

embrijoni miksuba, ipproċessati jew maħżuna mill-iskwadra ta' ġbir f'dak il-każ jew jew tirtira l-approvazzjoni fil-każ ta' pajjiżi terzi.

2. Id-disposizzjonijiet ġenerali għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-frekwenza u l-metodu tat-twettieq tal-verifiki li għalihom hemm referenza fl-ewwel sub-paragrafu ta' paragrafu 1, għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura mfassla fl-Artikolu 18.

KAPITOLU V

Disposizzjonijiet Finali*Artikolu 16*

Emendi għall-Annessi, b'mod partikolari biex jiġu adattati għal avvanzji fit-teknoloġija, għandhom jiġu deċiżi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18.

▼M4*Artikolu 17*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Animali stabbilit skond l-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 ⁽¹⁾.

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KC ⁽²⁾.

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' 15-il jum.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli tiegħu ta' Proċedura.

Artikolu 18

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Animali.

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

▼B*Artikolu 19*

1. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal embrijoni miġbura, ipproċessati u maħżuna f'kull Stat Membru qabel l-1 ta' Jannar 1991.

2. Sad-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjonijiet adottati bis-saħħa ta' l-Artikoli 7, 8 u 9, l-Istati Membri m'għandhomx japplikaw għall-importazzjoni ta' embrijoni minn pajjiżi terzi kondizzjonijiet aktar favorevoli minn dawk li jirriżultaw mill-applikar ta' Kapitolu II.

Artikolu 20

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex dawn ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1991. Għandhom minnufih jinformaw lill-Kummissjoni dwar dan.

⁽¹⁾ ĠU L 31, ta' l-1.2.2002, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

▼B

Artikolu 21

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

ANNEX A

KAPITOLU I

▼M3**Kondizzjonijiet għall-approvazzjoni tal-ġbir ta' embrijuni u skwadri tal-produzzjoni ta' l-embrijuni****▼B**

Sabiex jingħata approvazzjoni kull grupp ta' kolletturi ta' embrijoni għandu jwettaq il-ħtiġiet segwenti:

- (a) il-ġbir, l-ipproċessar u ħa żna ta' embrijoni għandu jitwettaq jew minn veterinarju tal-grupp jew taħt ir-responsabbiltà tiegħu minn tekniku wieħed jew aktar li huma kompetenti u mħarrġa mill-veterinarju ta' l-iskwadra f'metodi u teknika ta' l-iġene;
- (b) għandu jkun imqiegħed taħt is-supervi żjoni u l-awtorità ġenerali tal-veterinarju uffiċjali;
- (c) għandu jkollu għad-disposizzjoni tiegħu faċilitajiet ta' laboratorju permanenti jew mobbli fejn l-embrijoni jkunu jistgħu jiġu e żaminati, ipproċessati u ppakjati, li jikkonsisti mill-anqas wiċċ ta' mejda għax-xogħol, mikroskopju u apparat ċiroġeniku;
- (d) fil-ka żta' laboratorju fuq sit permanenti, dan għandu jkollu disponibbli:
 - kamra fejn l-embrijoni jkunu jistgħu jiġu mmanipulati li tkun biswit imma fi żikament separata miż-żona u żata għall-immaniġġjar ta' l-annimali donaturi waqt il-ġbir,
 - kamra jew żona mgħammra għat-tindif u l-isterilizzar ta' strumenti u apparat u żat fil-ġbir u manipulazzjoni ta' embrijoni,

▼M3

- meta mikromanipulazzjoni ta' l-embrijuni li tinvolvi l-penetrazzjoni taż-żona pelluċida għandha tkun imwettqa, din għandha ssir f'faċilitajiet ta' tnixxija ta' laminar adegwati li għandhom jiġu mnaddfa sew u ddiżinfettati bejn il-lottijiet;

▼B

- (e) għandu jkun għad-disposizzjoni tiegħu fil-ka żta' laboratorju mobbli parti speċifikament mgħammra tal-vettura li tikkonsisti f'żewġ sezzjonijiet separati,
 - waħda għall-e żaminazzjoni u l-manipulazzjoni ta' embrijoni li għandha tkun sezzjoni nadifa, u
 - l-oħra għall-akkomodazzjoni ta' apparat u materjali u żati f'kuntatt ma' l-annimali donaturi.

Laboratorju mobbli għandu dejjem ikun f'kuntatt ma' laboratorju fuq sit permanenti biex jassigura l-isterilizzazzjoni ta' l-appart tiegħu u l-provvista ta' fluwidi u prodotti oħra meħtieġa għall-ġbir u l-manipulazzjoni ta' embrijoni.

▼M3

Apparti minn dan, sabiex ikunu approvati bħala skwadra għall-produzzjoni u l-ipproċessar ta' embrijuni li jiġu minn fertilizzazzjoni *in vitro* u/jew kultura *in vitro*, l-iskwadra tal-produzzjoni ta' l-embrijuni għandha twettaq s-segwenti ħtiġiet addizzjonali:

- (f) il-persunel għandhom ikunu mħarġa fil-kontroll tal-mard xieraq u l-metodi ta' teknika tal-laboratorju, partikolarment fil-proċeduri għal xogħol f'kondizzjonijiet sterili;
- (g) għandu jkollha għad-dispożizzjoni tagħha laboratorju mwaqqaf li għandu:
 - jkollu tagħmir adegwat u faċilitajiet, inkluża kamra separata għar-rikoverazzjoni ta' l-oocytes li mill-ovarji, u kmamar separati jew żoni għall-ipproċessar ta' oocytes u embrijuni, u l-ħażna ta' l-embrijuni,
 - ikollhom faċilitajiet ta' tnixxija laminari li permezz tagħhom l-oocytes, is-semen u l-embrijuni kollha għandhom ikunu pproċessati; b'dankollu, iċ-ċentrifugazzjoni tas-semene għandha ssir il-barra mill-faċilità tat-tnixxija laminati, kemm il-darba kull prekawżjoni iġenika sħiħa tkun meħuda;
- (h) meta l-oocytes u t-tessuti l-oħra għandhom ikunu miġbura f'biċċerija, għandhom ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom it-tagħmir xieraq għal ġbir

▼M3

u t-trasport tal-ovarji u t-tessuti l-oħra lejn il-laboratorju ta' l-ipproċessar f'manjera iġenika u sigura.

▼B

KAPITOLU II

Kondizzjonijiet li jirrigwardaw il-ġbir, ipproċessar, ħa' żna u trasport ta' embrijoni mill-grupp approvat tal-ġbir ►M3 jew produzzjoni ◄ ta' embrijoni.

1. *Ġbir u proċessar*

- (a) Embrijoni għandhom ikunu miġbura u pproċessati minn skwadra approvata ta' kolleturi, mingħajr ma jiġu f'kuntatt ma' kull konsenja oħra ta' embrijoni li ma jilħqux il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva.
- (b) Embrijoni għandhom ikunu miġbura f'post li jkun i żolat minn partijiet oħra tal-bini jew il-qasam u li għandu jkun fi stat tajjeb u faċli biex ikun imnaddaf u ddisinfettat.
- (c) Embrijoni għandhom ikunu pproċessati (e zaminati, maħsula, trattati u mqiegħda f'kontenituri identifikabbli u sterili) jew f'faċilità ta' laboratorju permanenti jew f'faċilità ta' laboratorju mobbli, li ma jkunx jinsab f'żona li hija suġġetta għal mi żuri ta' probizzjoni jew kwarantina.
- (d) L-għodda kollha li tiġi f'kuntatt ma' l-embrijoni jew ma' l-animall donatur matul il-ġbir u l-proċessar għandha tkun tat-tip disponibbli jew inkella tiġi ddisinfettata sew jew sterilizzata qabel l-u żu;
- (e) Prodotti ta' oriġini mill-animalli u żati waqt il-ġbir ta' l-embrijoni u waqt il-vjaġġ għandhom ikunu miksuba minn sorsi li ma jippre żentaw l-ebda riskju għas-saħħa ta' l-animalli jew li jkunu hekk ittrattati qabel l-u żu li riskju bħal dan ma jkunx jista' jseħħ. ►M3 Kull media u soluzzjonijiet għandhom ikunu sterilizzati b'metodi approvati bi qbil mar-rakkoman-dazzjonijiet tal-manwal tas-Soċjeta Internazzjonali tat-Trasferiment ta' l-Embrijuni (IETS). Antibijotiċi jistgħu jiġu miżjuda mall-media bi qbil mal-manwal tas-IETS. ◄
- (f) Va żetti tal-ħa żna u va żetti tal-vjaġġ għandhom jiġu ddisinfettati u sterilizzati sew qabel il-bidu ta' kull ħidma ta' mili.
- (g) L-aġent krijoġeniku u żat ma jridx ikun ġie u żat qabel għal kull prodott ieħor ta' oriġini minn animalli.
- (h) Kull kontenitur ta' l-embrijoni u l-kontenituri li fihom ikunu maħ żuna u trasportati għandu jkun immarkat b'mod ċar b'kodiċi b'tali mod li d-data tal-ġbir ta' l-embrijoni u r-razza u l-identifikazzjoni tal-missier donatur u l-omm donatriċi, kif ukoll in-numru tar-reġistrazzjoni ta' l-iskwadra jkunu jistgħu jiġu stabbiliti mingħajr tbatija. Il-karatteristiċi u l-għamla ta' dawn il-marki ta' kodiċi għandhom ikunu stabbiliti b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18.
- (i) Kull embrijon għandu jkun maħsul mill-anqas 10 darbiet f'likwidu speċjali għall-embrijoni li għandu jkun mibdul kull darba u li, sa kemm ma jkunx deċi ż mod ieħor permezz ta' punt (m), għandu jkun fih *trypsin*, b'mod konformi ma' proċeduri rikonoxxuti internazzjonalment. Kull ħasla għandha tkun dilwita b'kull 100 mill-ħasla preċedenti u kull mikro-pipetta sterili għandha tkun u żata għat-trasferiment ta' l-embrijoni f'kull okka żjoni.
- (j) Wara l-aħħar ħasla kull embrijon għandu jkun suġġett għal e żaminazzjoni mikroskopika ►M3 fi tkabbir ta' magnifikazzjoni ta' mill-anqas × 50 ◄ fuq il-wiċċ kollu tiegħu biex ikun stabbilit li 'żona pelluċida' tkun intatta u tkun ħielsa minn kull materjal imwaħħal magħha. ►M3 Kwalunkwe mikromanipulazzjoni li tinvolvi l-penetrazzjoni taż-żona pelluċida għandha titwettag fil-faċilitajiet approvati għal dan l-iskop, u wara l-aħħar ħasla u eżami. Din il-mikromanipulazzjoni tista' titwettag biss fuq embrijuni li jkollu żona pelluċida intatta. ◄
- (k) Kull konsenja ta' embrijoni li tkun għaddiet b'suċċess l-e żaminazzjoni li hemm previst dwara f'(j) għandha tiġi mqiegħda f'kull kontenitur sterili immarkat b'mod konformi ma' (h) u li għandu jkun issiġillat minnufih.
- (l) Kull embrijon għandu, fejn xieraq, ikun iffri żat malajr kemm jista' jkun possibbli u maħ żun f'kull lok li jkun taħt il-kontroll tal-veterinarju tal-grupp u li jkun suġġett għal spezzjonijiet regolari minn veterinarju uffijjali.

▼B

- (m) B'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18 kull protokoll għandu jkun imħejji qabel id-data prevista fl-Artikolu 20 rigward likwidi ta' tlaħliħ u ħasil awtorizzati, teknika tal-ħasil u, meta meħtieġ, trattamenti en žimatiċi flimkien ma' medja ta' trasport awtorizzati.

Sa kemm isseħħ l-adozzjoni ta' kull protokoll dwar it-trattamenti en žimatiċi, ir-regoli nazzjonali dwar l-u żu ta' *trypsin* għandhom jibqgħu fis-seħħ, b'konformità mad-disposizzjonijiet ġenerali tat-Trattat,

- (n) Kull skwadra ta' kolleturi għandha tissottometti kampjuni ta' likwidi ta' tlaħliħ kull tant żmien, likwidi ta' ħasil, embrijoni di žintegrati, ova mhux fertilizzati, eċċ., li jirri żultaw mill-attivitajiet tagħha għal e žaminazzjoni uffiċjali dwar kontaminazzjoni batterjoloġika u virali. Il-proċedura għal ġbir ta' kampjuni, twettieq ta' e žaminazzjonijiet bħal dawn, flimkien man-normi li għandhom ikunu milħuqa, għandhom ikunu deċi żi b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18. Jekk l-*istandards* stabbiliti ma jkunux milħuqa, l-awtorità kompetenti li tagħti l-approvazzjoni uffiċjali lill-grupp, għandha tneħħi dik l-approvazzjoni.

- (o) Kull skwadra ta' kolleturi għandha ż żomm reġistru ta' l-attivitajiet tagħha fir-rigward ta' ġbir ta' embrijoni għal tul it-12-il xahar preċedenti u t-12-il xahar ta' wara l-ħa żna, inklu ż:

- ir-razza, l-eż u l-identifikazzjoni ta' l-annimali donaturi kkonċernati,
- il-lok tal-ġbir, l-ipproċessar u l-ħa żna ta' l-embrijoni miġbura mill-iskwadra,
- l-identifikazzjoni ta' l-embrijoni flimkien ma' dettalji tad-destinazzjoni tagħhom jekk magħrufa,

▼M3

- dettalji ta' metodi ta' teknika mikromanipulattivi li jinvolvu l-penetrazzjoni taż-żona pelluċida jew xi teknika oħra bħalma hi l-fertilizzazzjoni *in vitro* u/jew kultura *in vitro* li jkun twettqu fuq l-embrijuni. Fil-każ ta' l-embriji akkwistati minn fertilizzazzjoni *in-vitro*, l-identifikazzjoni tista' ssir fuq il-bażi ta' kull lott, imma għandha jkollha d-dettalji tad-data u l-post tal-ġbir ta' l-ovarji u/jew l-*oocytes*. Għandu jkun possibli li tkun identifikata l-merħla ta' l-oriġini ta' l-annimali donaturi.

Il-kondizzjonijiet stabbiliti fis-subparagrafi (a) sa (o) għandhom japplikaw kif xieraq għall-ġbir, l-ipproċessar, il-ħażna u t-trasport ta' l-ovarji, l-*oocytes* u t-tessuti l-oħra għal użu tal-fertilizzazzjoni *in vitro* u/jew il-kultura *in vitro*. Aktar minn hekk, il-kondizzjonijiet addizzjonali li ġejjin għandhom japplikaw:

- (p) Meta l-ovarji u t-tessuti l-oħra għandhom ikunu miġbura f'biċċerija, il-biċċerija għandha tkun uffiċjalment approvata u taħt il-kontroll ta' uffiċċjal veterinarju li r-responsabilità tiegħu hija li jwettaq spezzjoni *ante-* u *post-mortem* tad-donaturi.
- (q) Il-materjali u t-tagħmir li jiġu f'kuntatt dirett mal-ovarji u t-tessuti l-oħra għandhom ikunu sterilizzati qabel l-użu u wara l-isterilizzazzjoni, eskusivament użati għal daww l-iskopijiet. Tagħmir separat għandu jkun użat għat-tqandil ta' *oocytes* embrijuni minn lottijiet differenti ta' l-annimali donaturi.
- (r) L-ovarji u t-tessuti l-oħra m'għandhomx jitħallew li jidħlu fil-laboratorju tal-ipproċessar sakemm titlesta l-ispezzjoni *post-mortem* fuq il-lott. Jekk marda rilevanti tinstab fil-lott ta' donaturi, jew f'xi annimali oħrajn maqtula f'dik il-biċċerija f'dak il-jum, it-tessuti kollha minn dak il-lott għandhom jiġu intraċċat u mwarrba.
- (s) Il-proċedura tal-ħasil u ta' l-eżaminazzjoni stabbilita fis-subparagrafi (i) sa (j) għandha titwettaq wara l-proċedura tal-kultura tkun tlestiet.
- (t) Xi mikromanipulazzjoni li tinvolvi l-penetrazzjoni taż-żona pelluċida għandha ssir bi qbil mad-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu (j), wara li l-proċeduri stabbiliti fis-subparagrafu (s) ikunu tlestew.
- (u) L-embrijuni biss mill-istess lott ta' donaturi għandhom ikunu maħżuna fl-istess fjal/tubu.

▼B2. *Ħa żna*

Kull grupp ta' kolleturi ►**M3** jew produzzjoni ◀ ta' embrijoni għandu ji żgura li l-embrijoni jkunu maħ żuna f'temperaturi adatti f'bini approvat għall-iskop mill-awtorità kompetenti.

Sabiex ikun approvat dan il-bini għandu:

- (i) jkun fih mill-anqas kamra waħda li tissakkar maħsuba biss għal ħa żna ta' embrijoni;
- (ii) tkun faċli biex titnaddaf u tiġi sterilizzata;
- (iii) jkollha reġistri permanenti tal-movimenti kollha tad-dħul u l-ħruġ ta' l-embrijoni. Id-destinazzjoni finali ta' l-embrijoni għandha b'mod partikolari tkun speċifikata f'dawn ir-reġistri;
- (iv) ikun suġġett għal spezzjoni mill-veterinarju uffiċjali.

L-awtorità uffiċjali tista' tawtorizza l-ħa żna ta' sperma li twettaq il-ħtiġiet tad-Direttiva 88/407/KEE fil-bini approvat tal-ħa żna.

3. *Vjaġġar*

Embrijoni għal kummerè għandhom ikunu ttrasportati f'kondizzjonijiet iġeniċi sodisfaċenti f'kontenituri ssiġillati mill-bini approvat tal-ħa żna sal-wasla fid-destinazzjoni tagħhom.

Il-kontenituri għandhom ikunu mmarkati b'tali mod li n-numru jkun jaqbel man-numru fuq iċ-ċertifikat tas-saħħa ta' l-animali.

▼ **M3***ANNEX B***Kondizzjonijiet li japplikaw għall-annimali donaturi**

1. Għall-iskopijiet tal-ġbir ta' l-embrijuni, l-annimali donaturi għandhom jilhqqu l-ħtiġiet segwenti:
 - (a) għandhom ikunu għaddew mill-anqas l-aħħar sitt xhur ġewwa t-territorju tal-Komunità jew fil-pajjiż terz tal-ġbir;
 - (b) kellhom ikunu preżenti fil-merħla ta' l-oriġini għal ta' l-anqas 30 jum qabel il-ġbir;
 - (ċ) iridu jkunu ġew minn merħliet li huma:
 - uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolosi,
 - uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi jew mingħajr il-bruċellosi,
 - ħielsa mill-lukosi enzootika tal-fart,
 b'deroga mit-tielet inċiż, jistgħu jiġu minn merħla (jew merħliet) li mhix/mhumiex ħielsa mill-lukosi imma li dwarhom ċertifikazzjoni tkun ġiet miksuba li ma kien hemm l-ebda każ kliniku tal-lukosi enzootika tal-fart matul l-aħħar tliet snin;
 - (d) matul is-sena preċedenti, ma jridux li kienu preżenti f'merħla (jew merħliet) li jkunu urew sinjal kliniku tar-rhinotracheitis infettiva tal-fart/-pustular vulvovaginitis infettiva.
2. Fil-jum tal-ġbir tal-embrijuni l-baqra donatura:
 - (a) għandha tinżamm f'qasam li mhuwiex suġġett għall-projbizzjoni veterinarja jew għall-miżuri ta' kwarantina;
 - (b) m'għandha turi l-ebda sinjal kliniku ta' mard.
3. Apparti minn hekk, il-kondizzjonijiet t'hawn fuq għandhom jgħoddu għall-annimali ħajjin intiżi bħala donaturi ta' oocytes permezz tal-ġbir tal-ovum jew tal-ovariectomy.
4. Fil-każ ta' donaturi ta' ovarji u t-tessuti l-oħra li għandhom jinġabru wara l-qatla f'biċċerija, ma riedux li kienu assenjati għal qatla bħala parti mill-programm nazzjonali ta' l-eradikazzjoni tal-mard, l-anqas m'għandhom ikunu ġew minn qasam suġġett għar-restrizzjonijiet minnħabba l-mard ta' l-annimali.
5. Il-biċċerija minn fejn l-ovarji u t-tessut l-oħra ikunu miġbura m'għandhomx ikunu jinstabu f'żona bla ħsara għall-projbizzjoni tal-miżuri tal-kwarantina.



ANNEX C

KOMUNITÀ EWROPEA


Ċertifikat għall-kummerċ Intra Komunitarju

Parti I: Detallji tal-kunsinjja mibgħuta	I.1. Kunsinnatur ☐ Isem Indirizz Kodiċi Postali		I.2. Numru ta' Ċertifikat ta' riferenza		I.2.a. Numru lokali ta' riferenza:			
			I.3. Awtorita Ċentrali kompetenti					
			I.4. Awtorita lokali kompetenti					
	I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi Postali		I.6. Numru/l ta' ċertifikati oriġinali					
			I.7.					
	I.8. Pajjiż ta' oriġini	Kodiċi ISO	I.9. Reġjun ta' oriġini	Kodiċi	I.10. Pajjiż ta' destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.11. Reġjun ta' destinazzjoni	Kodiċi
	I.12. Pajjiż ta' oriġini/Pajjiż ta' ħsad Korp approvat ☐ Tim embrijoniku ☐ Isem Numru approvat Indirizz Kodiċi Postali		I.13. Post ta' destinazzjoni Korp approvat ☐ Tim embrijoniku ☐ Fond ☐ Oħrajn ☐ Isem Numru approvat Indirizz Kodiċi Postali					
	I.14.		I.15.					
	I.16. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐ Vejikolu tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni		I.17.					
	I.18. Speċi ta' annimal/Prodott				I.19. Kodiċi tal-Komodita (Kodiċi CN)			
					I.20. Numru/Kwantita			
	I.21.				I.22. Numru ta' pakketti			
	I.25. Annimali ċertifikati/prodotti ċertifikati għal: Riproduzzjoni artifiċjali ☐							
	I.26. Għat-tranżitu fl-UE lejn Pajjiż Terz ☐ Pajjiż terz Kodiċi ISO Post ta' ħruġ Kodiċi Post ta' dħul Numru tal-BIP unit:				I.27. Tranżitu minn Pajjiżi Membri ☐ Stat Membru Kodiċi ISO Stat Membru Kodiċi ISO Stat Membru Kodiċi ISO			
I.28. Esportazzjoni ☐ Pajjiż terz Kodiċi ISO Post ta' ħruġ Kodiċi				I.29.				
I.30.								
I.31. Identifikazzjoni tal-prodotti ta' l-annimali Speċi (Isem xjentifiku) Marka ta' identifikazzjoni Kategorija Numru ta' approvazzjoni ta' l-iskwadra								

▼M5

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

L-embrijoni bovini domestiċi

Parti II: Ċertifikazzjoni	II. Informazzjoni sanitarja	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b. Numru ta' referenza lokali
	Jien, hawntaht iffirmat, il-veterinarju uffiċjali, b'dan niċċertifika li l-embrijoni deskritti f'dan iċ-ċertifikat: II.1 ġew miġbura, ipproċessati u maħżuna b'konformità ma' l-Anness A għad-Direttiva 89/556/KEE. II.2 ġew miġbura fil-post tat-tagħbija f'kontenituri ssiġillati skond l-Anness A għad-Direttiva 89/556/KEE. II.3 ġew mid-donaturi ta' l-ispeċi bovini li jikkonformaw ma' l-Anness B għad-Direttiva 89/556/KEE. II.4 kienu ikkonċepiti jew permezz ta' inseminazzjoni artifiċjali jew b'fertilizzazzjoni <i>in vitro</i> ⁽¹⁾ bl-użu ta' sperma ġeja minn ċentri tal-ġbir ta' sperma jew tal-ħżin approvati skond id-Direttiva 88/407/KEE u li tinsab fi Stat Membru tal-Komunità Ewropea jew f'pajjiż terz elenkat fl-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/639/KE ⁽¹⁾ ⁽²⁾.		
Noti ⁽¹⁾ Ħassar kif meħtieġ. ⁽²⁾ ĠU L 292, tal-15.9.2004, p. 21. ⁽³⁾ [Kaxxa I.6. fil-Parti I]: Fil-każ ta' l-embrijuni importati, daħħal in-numru taċ-ċertifikat ta' importazzjoni. ⁽⁴⁾ [Kaxxa I.31. fil-Parti I]: Marka ta' identifikazzjoni li tikkorrispondi għad-dettalji li jidentifikaw il-baqar donaturi u d-data tal-ġbir. Kategorija: speċifika jekk kienx hemm (a) penetrazzjoni jew (b) non-penetrazzjoni taż-żona <i>pellucida</i>.			
Il-veterinarju uffiċjali Isem, (b' ittri kbar) Unità Veterinarja Lokali: Data:  Timbru Kwalifika u titlu: Nru ta' l-LVU: Il-firma:'			